

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Lulju 2007 — Sanders et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-45/01) ⁽¹⁾

(“Persunal impjegat ma’ l-impriża konġunta JET — Applikazzjoni ta’ status ġuridiku differenti minn dak ta’ aġent temporanju — Kumpens għad-danni materjali subiti”)

(2007/C 199/47)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Stephen G. Sanders (Oxfordshire, ir-Renju Unit) u l-94 rikorrenti l-oħra li isimhom jidhru fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: l-ewwel P. Roth, QC, I. Hutton, E. Mitrophanous u A. Howard, barristers, imbagħad P. Roth, I. Hutton u B. Lask, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: J. Currall, aġent)

Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u A. Pilette, imbagħad J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

L-iffissar, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Ottubru 2004, Sanders et vs Il-Kummissjoni (T-45/01, Ġabra P. II-3315), ta' l-ammont tal-kumpens dovut għad-dannu finanzjarju subit minn kull wieħed mir-rikorrenti minħabba l-fatt li ma ġiex irreklutat bħala aġent temporanju tal-Komunitajiet Ewropej matul iż-żmien li ħadem ma' l-impriża konġunta Joint European Torus (JET).

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Il-Kummissjoni għandha tħallas lil kull wieħed mir-rikorrenti kumpens li jikkorrispondi għall-ammont indikat għal kull wieħed minnhom fil-kolonna (6) ta' l-Anness 3 ta' din is-sentenza.
- 2) Fuq dan l-ammont għandhom jitħallsu imgħaxijiet bir-rata ta' 5.25 % mill-31 ta' Diċembru 1999 sad-data tal-ħlas effettiv.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż tar-rikorrenti relattivi għall-proċedura kollha quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.
- 4) Il-Kunsill għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 134, 5.5.2001.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Lulju 2007 — Eagle et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-144/02) ⁽¹⁾

(“Persunal impjegat ma’ l-impriża konġunta JET — Applikazzjoni ta’ status ġuridiku differenti minn dak ta’ aġent temporanju — Kumpens għad-danni materjali subiti”)

(2007/C 199/48)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Richard J. Eagle (Oxfordshire, ir-Renju Unit) u t-12-rikorrent l-oħra li isimhom jidhru fl-anness tas-sentenza (rappreżentant: D. Beard, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: J. Currall, aġent)

Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

L-iffissar, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Ottubru 2004, Eagle et vs Il-Kummissjoni (T-144/02, Ġabra P. II-3381), ta' l-ammont tal-kumpens dovut għad-dannu finanzjarju subit minn kull wieħed mir-rikorrenti minħabba l-fatt li ma ġiex irreklutat bħala aġent temporanju tal-Komunitajiet Ewropej matul iż-żmien li ħadem ma' l-impriża konġunta Joint European Torus (JET).

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Il-Kummissjoni għandha tħallas lil kull wieħed mir-rikorrenti kumpens li jikkorrispondi għall-ammont indikat għal kull wieħed minnhom fil-kolonna (6) ta' l-Anness 3 ta' din is-sentenza.
- 2) Fuq dan l-ammont għandhom jitħallsu imgħaxijiet bir-rata ta' 5.25 % mill-31 ta' Diċembru 1999 sad-data tal-ħlas effettiv.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż tar-rikorrenti relattivi għall-proċedura kollha quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.
- 4) Il-Kunsill għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 169 tat-13.7.2002.